MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 217/2011

**Manellie Cassar**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Manellie Cassar fl-4 ta' Ottubru 2011, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirrevedi d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija fl-1 ta’ Awwissu 2011 u jannulla jew alternattivament jirriduci l-Likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju fil-konfront taghha stante li: (i) it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta ai termini tal-Ligi; u li (ii) it-taxxa u t-taxxa addizzjonali imposti huma zejda u sa' fejn taf hi minn blokk ta’ ghaxar appartamenti fejn jinsab l-appartament meritu ta’ din il-kontestazzjoni, kien biss dan l-appartament li fuqu gie impost valur addizzjonali taxxabbli u dana minkejja li l-appartamenti huma kollha ta’

l-istess kobor, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) preliminarjament it-talba ghall-hlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq it-trasferiment meritu tal-kontestazzjoni ma hijiex preskritta; u li (ii) fil-meritu, id-decizjoni mehuda u l-Likwidazzjoni mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti huma gusti u saru skond il-Ligi;

Sema’ x-xhieda ta’ Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, moghtija waqt is-seduti tas-26 ta’ Jannar 2012[1] u tal-15 ta’ Marzu 2012[2], u x-xhieda ta’ Vincent Cassar u Joseph Borg moghtija waqt is-seduta tat-28 ta’ Mejju 2012[3] u ra d-dokumenti esebiti minn Vincent Cassar waqt l-imsemmija seduta u markati Dok. “VC1” sa’ Dok. “VC3” a fol. 28 sa’ 33 tal-process;

Ra d-Digriet moghti fil-15 ta’ Marzu 2012 permezz ta’ liema gie ordnat li fid-dawl ta' l-Att XXII ta' l-2011 u ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012, ir-Rikors promotur u l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri jigu korretti fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dikjarazzjoni tad-difensur tar-Rikorrenti fis-sens illi l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat fir-Rikors promotur huwa bbazat fuq l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ra li l-partijiet talbu li r-Rikors jibqa’ ghas-sentenza fuq l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

---

1 Fol. 17 u 18 tal-process.
2 Fol. 21 sa’ 24 tal-process.
3 Fol. 34 u 35 tal-process.

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti tikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata l-1 ta' Awwissu 2011, permezz ta' liema rrifjuta l-oggezzjoni taghha ghall-Likwidazzjoni mahruga kontriha u ddecieda li *the Commissioner does not see any valid reason to cancel the assessment in question as desired by transferee and, in accordance with the provisions of article 56(3) of the Duty on Documents and Transfers Act (Cap.364), he does hereby determine the duty and additional duty payable by Manellie Cassar in respect of the aforesaid transfer* [flat, minghajr l-arja tieghu, internament innumerat 2, fil-*first floor level*, formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem "Orchidea" fi Triq il-Qannic kantuniera ma' Triq l-Imriehel, Birkikara] *to be €1,351.04 [Lm580] and €1,351.04 [Lm580] respectively, for a total amount payable of €2,702.08 [Lm1,160].* Hija tibbaza l-kontestazzjoni taghha fuq l-aggravju preliminari li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghha hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq l-aggravju fil-meritu li t-taxxa u taxxa addizzjonali imposti fuqha huma zejda u l-fond minnha akkwistat huwa l-uniku wiehed fil-blokk ta' appartamenti li jifforma parti minnu li gie soggett ghal valur taxxabbli addizzjonali u dana nonostante l-fatt li l-appartamenti huma kollha ta' l-istess kobor.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni laqa' ghat-talbiet tar-Rikorrenti bl-eccezzjoni li: (i) it-talba tieghu fil-konfront taghha ma hijiex preskritta; u li (ii) id-decizjoni ta' l-1 ta' Awwissu 2011 u l-Likwidazzjoni li nharget fil-konfront tar-Rikorrenti huma gusti u saru skond il-Ligi, u b'hekk ghandhom jigu kkonfermati.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, it-Tribunal ghandu, ghal fini li decizjoni tinghata kemm jista' jkun malajar, jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura perliminari, procedurali jew sostantiva, il-partijiet kontendenti f'dawn il-proceduri talbu li tinghata sentenza preliminari dwar l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrenti. Fil-fehma

tat-Tribunal din it-talba hija wahda legittima u huwa iktar opportun li l-kwistjoni sollevata mir-Rikorrenti bl-aggravju preliminari taghha tigi risolta qabel ma jigi trattat il-meritu ta' l-Appell stante li kemm-il darba jkollu jirrizulta li tali aggravju huwa gustifikat ma jkunx hemm il-htiega ta' indagini fil-meritu tal-kaz u b'hekk dilungar inutili tal-proceduri in kwistjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal se jghaddi biex jaghti decizjoni dwar l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti u cioè l-aggravju li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghha hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel ma jittratta dan l-aggravju però, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012. F'dan l-Ordni jinghad illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxi Interni). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012…*

Ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta *il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u*

*ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).* Mill-precitat Ordni però johrog car li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega din ir-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda fost ohrajn taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami *qua* l-awtorità pubblika intimata, illum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Taxxi Interni), b'dana li huwa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kummissarju tat-Taxxi.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.* B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" hija ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Fil-kaz in ezami, b' Digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2012 saret korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti fis-sens illi d-desinjazzjoni "Kummisarju tat-Taxxi Interni" giet sostitwita bid-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi", u dana fid-dawl ta' dak provdut fl-Att XXII ta' l-2011. Fid-dawl ta' tali korrezzjoni u nonostante dak provdut fir-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 dwar l-ekwivalenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bejn

id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" u d-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni), it-Tribunal hu tal-fehma li fil-kaz in ezami, stante li l-intimat jinsab indikat bhala “Kummissarju tat-Taxxi” u mhux “Kummissarju tat-Taxxi Interni” fejn allura tkun tapplika r-regola ta’ l-ekwivalenza, ghandha ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi kancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)”, biex b'hekk l-okkju tal-proceduri jkun jirrifletti l-awtorità pubblika li attwalment ghandha tirrispondi ghat-talbiet tar-Rikorrenti.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi ezaminat l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrenti, u cioè li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), fil-konfront taghha hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta *meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-prezz jew dak li jkollu jinghata bi hlas jew valur ghal immobbli kif dikjarat f’kuntratt ta’ trasferiment jew f’dikjarazzjoni ta’ trasferiment causa mortis maghmula skond l-artikolu 33, ikun inqas minn hamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta’ dak li jkollu jinghata bi hlas kif stabbilit mill-Kummissarju, jew ikun inqas minn dak li jkollu jinghata bi hlas li jirrizulta lill-Kummissarju li jkun fil-fatt thallas ma’ l-att, jew meta dikajrazzjoni li kellha ssir skond l-artikolu 33 ma tkunx saret, huwa ghandu jghaddi biex jiddeciedi b’ordni bil-miktub l-ammont ta’ taxxa dovuta fuq id-differenza bejn il-valur jew dak li jkollu jinghata bi hlas dikjarat fil-kuntratt u l-valur jew dak li jkollu jinghata bi hlas ghall-immobbli kif stabbilit jew kif jirrizulta lill-Kummissarju li jkun attwalment thallas jew it-taxxa li kellha tithallas fuq dikjarazzjoni, skond il-kaz, u ghandu jaghmel stima skond il-kaz....* u ai termini tas-subartikolu 5 ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi *l-Kummissarju jista’ jaghmel stima skond kif hemm provdut f’dan l-artikolu <u>f’kull zmien, fi zmien sena mill-jum li fih il-</u>*

*Kummissarju jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-artikolu 51*[4] ....

Mill-imsemmi subartikolu tal-Ligi johrog car li t-terminu ta' sena hemm stipulat huwa wiehed perentorju u mhux semplicement preskrittiv u ghalhekk jekk id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma johrogx l-istima ai termini ta' l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u jinnotifikaha lit-*taxpayer* entro tali terminu ta' sena hemm stabbilit[5], it-talba tieghu ghall-hlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali, jekk ikun il-kaz, ma tistax tirnexxi. Ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova li tali terminu ta' sena jkun iddekorra inutilment jinkombi principalment fuq it-*taxpayer* izda jekk it-*taxpayer* jirnexxielu jipprova a sodisfazzjon tat-Tribunal li tali terminu jidher li ddekorra inutilment, imbaghad jispetta lid-Direttur Generali (Taxxi Interni) jipprova li bhala fatt l-istima in kwistjoni tkun inharget u giet notifikata lit-*taxpayer* entro t-terminu prefiss fil-Ligi.

Mill-provi prodotti jirrizulta li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Charlene Vella datat **30 ta' Awwissu 2007**, ir-Rikorrenti akkwistat minghand is-socjetà Salvi Holdings Limited *the flat without its relative airspace, internally numbered two (2), at first floor level, forming part of a complex named "Orchidea" in Triq il-Qannic, corner with Triq l-Imriehel, Birkirkara* ghall-prezz ta' Lm40,000, ekwivalenti ghal €93,174.94[6]. Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni[7] ddikjara li d-Dipartiment inghata avviz ta' dan it-trasferiment **fl-14 ta' Settembru 2007** u l-Likwidazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti inharget **fl-24 ta' Marzu 2008**. Ir-Rikorrenti oggezzjonat ghal din il-Likwidazzjoni permezz ta' ittra datata **29 ta' Jannar 2009** u l-oggezzjoni taghha giet rifjutata b'decizjoni moghtija **fl-1 ta' Awwissu 2011**.

Ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz in ezami t-terminu perentorju ta' sena entro liema l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kellu

[4] Sottolinear tat-Tribunal.
[5] Artikoli 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.
[6] Dok. "VC3" a fol. 27 sa' 29 tal-process.
[7] Xhieda moghtija waqt is-seduti tas-26 ta' Jannar 2012, fol. 17 u 18 tal-process u tal-15 ta' Marzu 2012.

johrog il-Likwidazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti beda jiddekorri mill-**14 ta' Settembru 2007**, ossia minn meta d-Dipartiment tat-Taxxi Interni nghata avviz tal-kuntratt ta' trasferiment datat 30 ta' Awwissu 2007. Ir-Rikorrenti tikkontendi li ghalkemm il-Likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tista' ggib id-data ta' l-**24 ta' Marzu 2008**, bhala fatt din il-Likwidazzjoni giet notifikata lilha biss ftit tal-granet qabel ma avvanzat l-oggezzjoni taghha fid-**29 ta' Jannar 2009**. In sostenn ta' tali affermazzjoni r-Rikorrenti ressqet bhala xhieda lil missierha Vincent Cassar u lil Joseph Borg, li kien il-persuna li effettivament ippreparalha l-oggezzjoni datata 29 ta' Jannar 2009.

Vincent Cassar iddikjara li *t-tifla tieghi tahdem barra minn Malta u ma tantx tkun hawnhekk ta' spiss. Il-posta taghha qeghda re-directed fir-residenza tieghi. Meta nircievu xi haga min-naha tal-Gvern ghat-tifla tieghi, jiena mill-ewwel naghmel objection, fil-fatt l-aktar li jistghu jghaddu forsi xi tlett ijiem. Ghandi habib tieghi jismu Joe Borg u nghid lilu biex jippreparali l-objection necessarja. L-objection fil-kaz in ezami kien ghamilieli dan il-habib tieghi Joe Borg. B'referenza ghal din l-oggezzjoni jien inkun ircevejt il-kont tad-dipartiment ftit qabel id-data tal-oggezzjoni. Il-kont minghand id-dipartiment wasal ghandna bil-posta normali. Nerga' nghid illi kif ircevejna l-ittra jien ghamilt l-objection mill-ewwel. L-ittra giet mhux bil-posta registrata imma bil-posta normali. Fid-29 ta' Jannar 2009 jiena kont ircevejt acknowledgment minghand id-dipartiment li kienu rcevew l-oggezzjoni taghna. Dan l-acknowledgment kien gie ukoll bil-posta normali. L-uniku dokument li rcevejt minghad id-dipartiment bil-posta registrata kien ir-rifjut tal-Kummissarju*[8]*.* Joseph Borg ikkonferma li huwa kien ipprepara l-oggezzjoni tar-Rikorrenti ghall-Likwidazzjoni mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni w ikkonferma wkoll li din kienet waslet ghand Vincent Cassar ftit tal-granet biss qabel ma ntbaghtet l-oggezzjoni. Huwa fil-fatt iddikjara li *bejn wiehed u iehor, ma' ghandi l-ebda dubju ghax is-Sur Cassar kif jircievi xi korrispondenza tkun ta' xiex tkun, specjalment dipartiment tal-Gvern, jiehu action mill-ewwel u jcempilli at least jekk*

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, fol. 34 tal-process.

*ma niltaqghux dakinhar filghaxija, within a matter of one day, two days, inkunu ltqajna zgur ghax ikun irid jissetilja dak li jkun hemm fuqha. ... hu proprjament meta gie biha, la ghamiltha filghaxija l-ittra jew l-ghada, gie jiffirma u kollox u baghtniha bil-posta noramli din*[9].

In kontraopposizzjoni ghal dak pretiz mir-Rikorrenti d-Direttur Generali (Taxxi Interni), tramite Ivan Portelli, jikkontendi li l-Likwidazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti inharget fl-24 ta' Marzu 2008 u inbaghtet lilha fl-indirizz 55, Flat 12, Fondatore, Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema, u li necessarjament giet notifikata lilha entro t-terminu stabbilit fil-Ligi ghaliex id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma ghandux *returned envelope* relattiva ghal dik il-Likwidazzjoni. Di fatti waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2011[10], Ivan Portelli iddikjara li *kieku ma giex notifikat* [l-Avviz ta' Likwidazzjoni] *ikollna r-returned envelope, ghax tinbaghat b'posta registrata din. ... saret oggezzjoni fis-27 ta' Jannar ta' l-2009 minn Manellie Cassar iffirmata. Wara din l-oggezzjoni ntbaghtet nota mid-dipartiment lis-sinjura Manellie Cassar, fejn tghid li wara l-oggezzjoni tieghek, il-file rega' nbaghat ghand il-Perit u ikkonferma l-ewwel valur li kien taghna. Fir-rigward tan-notifika tal-likwidazzjoni nghid li dak iz-zmien meta nharget il-likwidazzjoni ma konniex inzommu track tan-notifika fiha nfisha tal-likwidazzjoni. Li konna nimxu fis-sistema li jekk l-envelope ma jigix lura allura sinjal li tkun giet notifikata. Il-likwidazzjoni inbaghtet fl-indirizz indikat lilna kemm fl-avviz meta gejna infurmati bil-kuntratt u huwa l-istess indirizz li r-rikorrenti taghtna fl-objection letter taghha.*

Fil-fehma tat-Tribunal però id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-Likwidazzjoni li jidher li nharget fl-24 ta' Marzu 2008 giet notifikata lill-istess Rikorrenti entro t-terminu ta' sena prefiss fil-Ligi u mhux biss ftit tal-granet qabel id-29 ta' Jannar 2009, kif invece affermat mir-Rikorrenti.

---

[9] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, fol. 35 tal-process.
[10] Fol. 17 u 18 tal-process.

Ghalkemm il-presunzjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) li l-Likwidazzjoni mahruga fl-24 ta’ Marzu 2008 giet debitament notifikata lir-Rikorrenti ghaliex ma ghandux *returned envelope* tista’ fic-cirkostanzi kongruwi titqies bhala guridikament korretta[11], mix-xhieda li ta Ivan Portelli waqt is-seduta tal-15 ta’ Marzu 2012[12] jirrizulta li fil-kaz in ezami tali presunzjoni ma tistax tregi. Ghalkemm Ivan Portelli jiddikjara li l-Likwidazzjoni in kwistjoni ntbaghtet lir-Rikorrenti bil-posta registrata, ghad illi mhux bil-pink card, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma ghandux fil-pussess tieghu l-*bar code* solitament konness ma’ u formanti parti minn din it-tip ta’ procedura ta’ posta registrata li juri mhux biss li l-ittra jew dokument in kwistjoni jkun inbaghat izda, tramite l-istess jista’ jigi accertat li l-ittra jew dokument effettivament ikun gie notifikat lid-destinatarju.

Ghad-domanda biex jikkonferma z-zmien meta l-imsemmija Likwidazzjoni giet notifikata lir-Rikorrenti Ivan Portelli xehed illi *ma nistax nikkonfermalek ezatt il-guranta. Dik ma jkollix jiena* u ghalkemm ikkonferma li l-ittra nbaghtet bil-posta registrata, ghad illi mhux bis-sistema tal-pink card, xehed illi *f’dan il-kaz ma ghandux, ghax is-soltu kienu jaghmlulna dak il-barcode*. *... Jekk ma ghandux il-barcode ma nistax nasal ghalih jiena jekk ma ghadniex bar code ma nistax nasal ghalih*. U fuq domanda tat-Tribunal dwar jekk il-*barcode* ma kienx fil-pussess tieghu dakinhar tas-seduta jew inkella ghal kollox nieqes mill-file tad-Dipartiment relattiv ghar-Rikorrenti, Ivan Portelli kkonferma li l-*barcode* ma jinsabx fil-file tar-Rikorrenti. Fic-cirkostanzi ghalhekk difficilment tista’ tregi l-presunzjoni li qed jibbaza ruhu fuqha d-Direttur Generali (Taxxi Interni) u cioè li l-Likwidazzjoni mahruga fl-24 ta’ Marzu 2008 giet notifikata lir-Rikorrenti entro t-terminu ta’ sena prefiss fil-Ligi ghaliex id-Dipartiment ma ghandux *returned envelope*, u iktar tirrizulta kredibbli l-affermazzjoni tar-Rikorrenti li l-istess Likwidazzjoni kienet giet notifikata lilha ftit tal-granet biss qabel ma ressqet l-oggezzjoni taghha datata 29 ta’ Jannar 2009 u b'hekk ben

---

[11] Francesco Saverio sive Francis Cutajar et v. Kummissarju tat-Taxxi, Rik. Nru. 187/11 deciza minn dan it-Tribunal fit-28 ta’ Mejju 2012.
[12] Fol. 21 sa’ 24 tal-process.

oltre t-terminu ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-oggezzjoni avvanzata mir-Rikorrenti fid-29 ta' Jannar 2009 tikkostitwixxi fattur ulterjuri li fil-fehma tat-Tribunal serjament jimpingi fuq il-pretensjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) li l-Likwidazzjoni datata 24 ta’ Marzu 2008 nharget u giet notifikata lir-Rikorrenti entro t-terminu prefiss fil-Ligi, u li invece jaghti kredibilità u sustanza lill-affermazzjoni tar-Rikorrenti li t-terminu perentorju ta’ sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta ma giex osservat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ghalkemm ai termini tal-Ligi, senjatament ta’ l-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta’ l-avviz ta’ Likwidazzjoni, fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien accetta, fis-sens illi laqa’ ghall-konsiderazzjoni, oggezzjoni ghal Likwidazzjoni li kienet inharget ben ghaxar xhur qabel. Huwa minnu li ai termini tal-*proviso* ta’ l-imsemmi Artikolu 56(1) il-Kummissarju, illum id-Diretturi Generali (Taxxi Interni), ghandu d-diskrezzjoni li jtawwal iz-zmien ghas-sottomissjoni ta’ oggezzjoni minn Likwidazzjoni meta jkun sodisfatt li t-*taxpayer* ma setghax jikkontesta l-Likwidazzjoni minhabba nuqqas minn Malta, mard jew kull raguni xierqa ohra, izda fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni accetta l-oggezzjoni tar-Rikorrenti minn Likwidazzjoni li nharget ghaxar xhur qabel ghaliex kien sodisfatt li r-Rikorrenti ma setghetx tikkontesta il-Likwidazzjoni ghaliex kienet nieqsa minn Malta jew minhabba mard. Di fatti kemm l-oggezzjoni tar-Rikorrenti[13] kif ukoll l-eventwali Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni[14] huma ghal kollox siekta fir-rigward u lanqas ma ssemma xejn f’dan ir-rigward fix-xhieda li nghatat quddiem dan it-Tribunal. B’hekk necessarjament kien hemm raguni valida ohra li wasslet lill-Kummissarju biex jilqa’ dik l-oggezzjoni ghall-konsiderazzjoni u fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-probabiltà hi li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni stess kellu id-dubji u riservi

[13] Dok. “VC1” a fol. 28 tal-process.
[14] Dok. “VC3” a fol. 31 sa’ 33 tal-process.

tieghu dwar meta effettivament ir-Rikorrenti giet notifikata bil-Likwidazzjoni minnha kontestata u b’hekk dwar il-validità tal-presunzjoni tieghu li kien hemm notifika valida u entro t-terminu prefiss fil-Ligi ghaliex ma kellux *returned envelope*. Evidentement fin-nuqqas ta’ prova konkreta fil-pussess tieghu li r-Rikorrenti kienet giet notifikata bil-Likwidazzjoni zmien qabel u ghal ebda raguni valida pprezentat l-oggezzjoni taghha tardivament, ghazel li jilqa’ dik l-oggezzjoni ghall-konsiderazzjoni.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk jigi ribadit li huwa iktar kredibbli u fil-fatt probabbli li kif affermat mir-Rikorrenti, il-Likwidazzjoni kontestata ma gietx notifikata lilha entro t-terminu ta’ sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalqstant it-talba tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) fil-konfront taghha hija perenta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal, filwaqt illi jordna korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza, fis-sens illi d-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi ikkancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)", jilqa’ l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti u jiddikjara li t-talba tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) fil-konfront taghha ghall-hlas ta' taxxa ammontanti ghal €1,351.04 u taxxa addizzjonali ammontanti ghal €1,351.04 hija perenta, u konsegwentement jannulla l-Likwidazzjoni bil-Kont Numru IV 103936.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ai termini ta’ l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta’ din id-decizjoni, tad-data taghha u ta’ dak li effettivament gie deciz jintbaghat lid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------